228
S

**Fit-Tribunal ta Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

**Rikors ta Andrew Costa ID Card No. 846054M ta 26, Soleado, Triq Ganni Vassallo**
**U**
**Moviment Graffitti VO 126 ta 67, Strait Street, Valletta**

PA/04721/20
Sit f'Vjal l-Avjazzjoni, Triq il-Kunsill tal-Europa, Triq San Tumas, Triq il-Mithna ta' Caraffa, Triq Ganni Vassallo, Luqa
Proposed upgrading of junction at Node WA23 including a new overpass, underpass and widening of road.
Ing Fredrick Azzopardi
Perit Robert Zerafa

**Rikors ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-permess pprezentat kontestwalment mal-Appell tal-appellanti fuq indikati**

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
23 JUL 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Jesponu bir-rispett:

1. Illi dan rikors ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-permess pprezentat kontestwalment mar-Rikors tal-Appell mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għal permess ta' żvilupp bir-referenza fuq imsemmija.
2. Din l-applikazzjoni tirriferi għal twessigħ ta toroq u teħid ta art agrikolu u ssiġġilar tal-ħamrija u tqaċċit ta siġar.
3. Illi jekk ma jigix sospiz il-permess, l-applikant jista jibda x-xoghlijiet ta skavar, dredging u kostruzzjoni li ha jirrovinaw l-għelieqi.
4. Illi parti mill-iżvilupp jinsab oltre l-konfini tal-izvilupp u hi l-prassi tat-Tribunal li jissospendi l-esekuzzjoni tal-permess meta si tratta ta' zvilupp hekk sensittiv f'ODZ.
5. Illi jekk ma jigix sospiz il-permess, l-appellanti jkunu rezi f'sitwazzjoni anomala u ta disparita fejn l-izvilupp u l-operazzjoni jibdew minnufih u l-appell isir purament ezercizzju akkademiku.
6. Illi jekk ma jkunx sospiz il-permess, id-decizjoni tal-Kummissjoni f'dan il-kaz ha sservi bhala precedent u/jew commitment ghal-applikazzjonijiet ohra u b'hekk iktar tigi pregudikata l-uzu, d-dehra u d-destinazzjoni tal-post.

7. Illi jekk l-eżekuzzjoni tal-permess ma tiġix sospiża, il-preġudizzju kkawżat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-preġudizzju kkawżat jekk tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-permess. Illi dana ghax l-applikant mhu ha jbati l-ebda pregudizzju jekk it-talba ghas-sospensjoni tintlaqa peress li jkun ha jibbenefika mill-abbrevjar tat-termini sabiex matulu jigi deciz dan l-appell.
8. Minn naha l-ohra l-appellanti ha jbatu pregudizzju konsiderevoli jekk il-permess ma jigix sospiz u dan ghax l-applikant jibda l-iskavar u l-kostruzzjoni effettivament jrendi certu stat ta permanenza ghal operat tieghu u jeffetwa tnaqqis ta tgawdija tas-sit u impatt ambjentali negattiv.

**Talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tad-decizjoni**

Ghaldaqstant permezz tal-prezenti l-appellanti umilment jitolbu ghas-sospensjoni tal- ezekuzzjoni tad-decizjoni tal-ghotja ta permess suggett ta dan l-appell sakemm tinghata decizjoni minn dan l-Onorabbli Tribunal taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu li huma xierqa.

Av Claire Bonello

215/4 Old Bakery Street Valletta VLT 1451

drcbonello@gmail.co